# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 32 tas-7 Leġislatura
## Il-Ġimgħa 28 t' Awwissu u it-Tnejn 7 ta' Settembru 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 32 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar lil-Ġimgħa 28 t' Awwissu 2015, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni tal-Offerti Ġodda - Rapporti tal-Perit
5. Ismijiet Ġodda ta' Toroq fl-Imġarr
6. Proġett ta' Town Twinning
7. Affarijiet Mixxelanji

Peress li dak in-nhar ma ntlaħaqx quorum, is-Seduta ġiet rimandata għat-Tnejn 7 ta' Settembru 2015. Dak in-nhar kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Kunsillier Mario Sammut u il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Id-Deputat Sindku, Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

**1 Minuti**

Punti mill-minuti

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni mill-KNPD fejn ingħata il-kunsens biex isir ix-xogħol relatat mal-proġett tal-*Visual Alignment & Road Safety Imparement* fi' Triq Għajn Tuffieħa.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Elizabeth Ebejer infurmat li kienet qed tikkuntatjata diversi kittieba Maltin (Immanuel Mifsud, Tony C. Cutajar u Rita Saliba fost l-oħrajn) sabiex jittellgħu serati ta' qari mill-istess kittieba fil-Kunsill. Din is-sensiela għandha tibda' lejn l-aħħar ta' Ottubru.

3.2 Is-Sindku informa li fit-2 ta' Ottubru kienet ser issir serata ta' għana f' Ta' Darrenzi, kif ukoll fl-4 ta' Diċembru kien hemm il-ħsieb li ssir attivita' kulturali għall-żmien il-Milied.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li kienu ser isiru l-attivitajiet taż-'Żjajjar tal-Madonna' bejn it-23 ta' Settembru u it-2 t' Ottubru.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara diversi taħditiet li kellu mall-uffiċjali tal-Kunsill Malti għall-iSport, kien laħaq ftehim sabiex il-kont pendenti tas-servizzi mis-sajf 2010 kien ser jiġi solvut u mħallas. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u approva.

**4. Evalwazzjoni tal-Offerti Ġodda - Rapporti tal-Perit**

4.1 Ġew diskussi l-aħħar żvilluppi dwar l-aħħar sejħa għall-offerti li nħarġet.

4.2 MGR 2015/05 : Resurfacing ta' Triq Rurali :
Transport Malta kien beda' jwettaq ix-xogħol fuq din it-triq, u għalhekk il-Kunsill kien ser iwaqqa' din is-sejħa peress li ma kienx għad kellu bżonn ta' dan is-servizz.

4.3 MGR 2015/06 : Forniment ta'wiċċ għall-art ta' parti mill-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew:
Wara diskussjoni mal-Perit tal-Kunsill, u minħabba raġunijiet tekniċi, il-Kunsill ma ħasx li kellu jilqa' l-ebda offerta minn dawk li rċieva. Għalhekk, il-Kunsill qabel li kien ser joħroġ lista ta' specifications ġodda għall-dan ix-xogħol u tinħareġ sejħa ġdida biex tirrispekkja aktar il-bżonnijiet tal-Kunsill.

4.4 MGR 2015/07 : Xogħol fuq Triq Għajn Tuffieħa :
Dan ix-xogħol għadu qed jistenna li jinħareġ il-permess tal-MEPA u hekk kif speċifikat fis-sejħa innifisha, ma jistax jinbeda' qabel ma' jinħareġ dan il-permess.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**5. Ismijiet Ġodda ta' Toroq fl-Imġarr**

5.1 Il-Kunsill kien qiegħed jiddiskuti proposti ta'ismijiet ġodda ta' numru ta' toroq . Fil-frattemp, il-Kunsill ġie mgħarraf li il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq kien xolt, u għalhekk il-Kunsill kien ser jistenna it-twaqqif mill-ġdid ta' dan il-Kumitat sabiex jagħmel il-proposti tiegħu.

**6. Proġett ta' Town Twinning**

6.1 Is-sindku informa li kien hemm laqgħat mal-MEUSAC sabiex jitlesta' il-pjan għall-dan il-proġett. Fil-fatt l-applikazzjoni ta' dan il-proġett kienet tlestiet u mmexxija mill-MEUSAC. Il-Kunsill ser ikun qed jistenna aktar żvilluppi fuq dan il-proġett.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku informa li l-Alberta kienu daħħlu l-applikazzjoni għand l-Enemalta għall-provista tal-elettriku għas-CCTV fuq il-Bring-In Site fi ' Triq San Pietru.

7.2 Elisabeth Ebejer stqarret li kienet tkun ħaġa tajba kieku il-Kunsill aghmel użu aktar u aħjar mill-website u il-paġna ta' facebook matul iż-żmien tal-festa sabiex jippromuovi l-attivitajiet u jżomm kuntatt mar-residenti.

7.3 Elizabeth Ebejer semmiet li kien hemm risposta tajba ħafna għall-attivita' ta' tagħrif fuq il-knisja parrokkjali, filwaqt li esprimit sodisfazzjon għall-attendenza ta' din l-attivita'.

7.4 Is-Sindku semma' wkoll li l-attivita' tal-ikla tal-festa kienet irnexxiet ukoll u li l-attivita' tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kienet pożittiva. Semma' li għas-sena id-dieħla kien hemm bżonn aktar propoganda mas-sidien tal-ħwienet.

7.5 Elizabeth Ebejer ipproponiet li is-sena id-dieħla, in-niċċeċ tal-Madonna jiżżejjnu għaż-żmien tal-festa ta' Santa Marija. Għandu jkun hemm kitba dwar dawn in-niċċeċ fil-Miġbħa.

7.6 Is-Sindku informa li kien ġie ikkuntatjat mill-Comune ta' Licata fl-Italja dwar laqgħa li kienet ser issir u li għaliha il-Kunsill kien mistieden. il-Kunsill qabel li jattendi Mario Sammut peress li inżerta li kien ser ikun fl-inħawi fl-istess ġranet.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fis-7:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 23 ta' Settembru 2015.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku